**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Shtien Scicluna**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni numru 321/2018**

**Illum 21 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shtien Scicluna** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 203891 (M) u **Omissis** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 442296 (M) billi huma akkuzat talli f'Novembru 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300.00) ghad-detriment ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services u/jew Elton John Zammit u/jew Bank of Valletta.

2. Talli f'Novembru 2016 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettew serq ta' diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta, mahruga fuq kont bankarju ghan-nom ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services bi hsara ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services; u/jew Elton John Zammit u/jew Bank of Valletta.
3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummuercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-dannu ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services; u/jew Elton John Zammit j/jew Bank of Valletta;
4. U talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn dokumenti foloz ghad-dannu ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services u/jew Elton John Zammit u/jew Bank of Valletta;

U lil Shtien Scicluna wahdu:

5. Talli fl-istess zmien, dati, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta'

haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu minhabba l-kariga u/jew servizz tieghu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lil Shtien Scicluna u Omissis bhala recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lir-rapprezentant tal-Caritas Noel Cassar li ilu jsegwi lill-imputat ghal dawn l-ahhar xhur fil-programm residenzjali li qieghed

iwettaq, fejn anke esebixxa rapport dwar il-progress li u l-programm ghall-futur fejn mistenni jigradwa s-sena d-diehla.

Semghet lil Elton John Zammit fejn iddikjara li sar il-hlas kollu dovut lilu u la hu u lanqas il-kumpanija Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services m'huma interessati f'dawn il-proceduri u hafrulu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Kliem il-President tar-Repubblika**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca fil-gradwazzjoni tal-Caritas fit-23 ta' Gunju 2017 fejn ghaxar persuni li ghelbu l-abbuz tad-droga.

**Il-President appellat lill-awtoritajiet, "*biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u ta' qabilhom, jkomplu jagħtuhom l-appoġġ li għandhom bżonn.*"**

**Appellat ukoll, biex issa li se jibdew triqithom, jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn, biex jiksbu d-dinjità sħiħa tagħhom.**

**Il-President qalet li filwaqt li huwa importanti li nirrikonoxxu t-tant u tant bidliet għall-aħjar li l-awtoritajiet diversi tagħna għamlu, fil-liġijiet u fil-policies matul is-snin biex nagħtu aktar support lil dawk li jirrijabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga, *"jinħtieġ li ma nieqfux hawn, iżda nkomplu ntejbu kemm il-liġijiet, kif ukoll il-policies tagħna, biex dawn l-għeżież ħutna u uliedna, jkunu f'qagħda li jilqgħu għall-isfidi u r-realtajiet tal-ħajja."***

**Bħala eżempju, l-President semmiet diffikultà kbira li ħafna jsibu meta jkollhom każijiet pendenti fil-Qorti wara li jkunu spiċċaw il-programm. Hawn, il-President appellat lill-awtoritajiet tagħna biex jindirizzaw din id-diffikultà, *"għaliex għandna sitwazzjonijiet li wħud minn dawn ħutna u uliedna, wara li jkunu spiċċaw il-programm, jibqagħlhom każijiet pendenti għax il-Qorti ma titrattax il-każijiet flimkien, u wħud minnhom saħansitra anke jispiċċaw il-ħabs wara li jkunu irrijabilitaw ruħhom fis-soċjetà."***

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika fil-11 ta' Lulju 2014 waqt gradwazzjoni ohra tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

---

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta'*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*priġunerija għandhiex tiġi sospiża u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wieħed li fih sentenza ta' priġunerija għandha tiġi sospiża, x'għandu jkun il-perijodu operattiv tagħha (cioe` għal kemm żmien tibqa' hekk sospiża fuq ras il-ħati).*

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fiċ-ċirkostanzi fil-konfront tal-imputat u minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-kaz jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fiċ-ċirkostanzi għaliex l-imputat ilu għal dawn l-aħħar snin miexi fit-triq it-tajba.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, radd lura l-flus kollha lill-vittma Elton John Zammit somma.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-**Gmiel tar-Riabilitazzjoni**[3]:

*Kemm għandna bżonn noffru dejjem aktar lil min jiżbalja l-opportunità li jerġa' jirriabilita ruħu! Fil-familji, fis-soċjetà ... hemm wisq individwi li ġew imqiegħda fil-ġenb minħabba xi għemil żbaljat tagħhom. Ħafna drabi l-qorti tal-poplu tagħti s-sentenza tal-kundanna, imma mbagħad ma tammettix appell!*

*Persuni bħal dawn qed jitkarrbu biex jerġgħu jiġu rriabilitati. Mhux qed ngħid li l-ħażin nibdew ngħidulu tajjeb. Żball jibqa' żball; imma persuna li tagħmel l-iżball għandha dejjem tingħata l-possibbiltà li jekk trid u jiddispjaċiha tal-iżball li tkun għamlet, hija ssib l-għajnuna biex terġa' tqum fuq riġlejha u terġa' tibda tikteb paġna ġdida fl-istorja tagħha u tal-familja tagħha.*

*Inħoss li s-soċjetà tagħna għadha ma temminx biżżejjed fil-qawwa tal-proċess tar-riabilitazzjoni. Ikun ħafna aħjar li s-soċjetà, anki jekk b'ħafna tbatija, tirkupra*

[3] Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex nhar il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017 f'B'Bugia

*wieħed mill-membri tagħha li jkun żbalja u tgawdi mill-ħiliet varji tiegħu, milli biex tissodisfa s-sens ta' vendetta, tiskarta u tarmi. Aħjar nirriskjaw li dak li jkun nagħtuh il-fiduċja u jerġa' jagħmilhielna, milli nagħlqu l-bieb għal kulħadd, anki għal nies ġenwini li jiżbaljaw u jixtiequ jitwieldu mill-ġdid!*

Huwa rilevanti li hawn issir referenza ghal xi brani mis-sentenza **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fejn twiegeb ghall-kritika lill-Qrati ghaliex meta misthoqq tinghata sentenza ta' prigunerija u tkun sospiza:

**"7. Din il-Qorti hi konxja li spiss is-sentenza ta' prigunerija sospiza tigi kkritikata. Gie li tigi malament applikata anke mill-qrati, partikolarment qrati ta' prim istanza, u huwa proprju ghalhekk li l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta' appell anke mill-piena (salv certi limitazzjonijiet). F'dan il-kaz l-appellant Avukat Generali mhux qed ighid li l-piena ta' prigunerija sospiza ma setghetx tigi applikata (ghax, per ezempju, il-minimu applikabbli kien jeccedi s-sentejn prigunerija indikat fl-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, jew ghax kien hemm xi ostakolu iehor, bhal, per ezempju, dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 28A), izda qed jghid li ma kellhiex tigi applikata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fi kliem iehor, qed jghid li l-piena, bis-sospensjoni b'kollox, kienet fil-parametri tal-ligi, izda li f'dan il-kaz ma kellux ikun hemm tali sospensjoni.**

**"8. Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Wood* din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement[4], kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[5]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A[6], li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation***

---

[4] Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

[5] Il-Pulizija v. Joseph Said App. Krim. 26/11/1992.

[6] 28A(2): "Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[7] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing[8]** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* **Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux necessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).**

**"9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji**

---

[7] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.
[8] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

**ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra."**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, 289, 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kap 9 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn prigunerija ghal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabbiltà taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk tikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**